MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tal-11 ta' Awwissu, 2003

Appell Civili Numru. 29/2002/1

**John Bugeja**

**vs**

**L-Avukat Generali u**

**Il-Kummissarju Tal-Pulizija**

**Il-Qorti,**

## I PRELIMINARI

1. Dan huwa appell, mismugh b' urgenza, minn sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Lulju 2003, li biha gie deciz li bil-proceduri penali (mibdija kontra r-rikorrenti John Bugeja u ohrajn fis-16 ta' Novembru 1983 u mitmuma fit-2 t' Ottubru 2002) gie lez id-dritt tar-rikorrenti ghal smigh xieraq fi zmien ragonevoli, bi ksur ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem u ta' l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Dik il-Qorti ordnat li r-rikorrenti ma ghandux jibqa' jiskonta ulterjorment il-piena inflitta fuqu bhala konsegwenza ta' l-istess proceduri penali, u konsegwentement ordnat li huwa ghandu jigi immedjatament mehlus – bl-ispejjez kollha kontra l-intimati.

2. A skans ta' repetizzjoni inutili, din il-Qorti sejra tannetti kopja tas-sentenza appellata ma' l-odjerna sentenza biex tifforma parti integrali minnha. Din il-Qorti ma thossx il-bzonn li tirriproduci hawn, ir-rikors promotorju kontenenti t-talbiet ta' John Bugeja u r-risposta ta' l-intimati, billi dawn iz-zewg atti jiffurmaw parti mis-sentenza annessa, li fiha wkoll il-konsiderazjonijiet u l-motivazzjoni kollha li wasslu l-Ewwel Onorabbli Qorti biex tippronunzja l-imsemmija decizjoni.

## II **<u>L-APPELL</u>**

3. Fl-1 t' Awwissu 2003 l-intimat, l-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija intavolaw appell minn din is-sentenza. Fir-rikors relattiv, huma spjegaw l-aggravji taghhom u talbu li dina l-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi thassar, tirrevoka u tannulla dik il-parti tas-sentenza fejn cahdet l-eccezzjonijiet taghhom u fejn sabet li kien hemm lezjoni tad-dritt fundamentali ta' l-appellat u ordnat il-liberazzjoni tieghu, izda izzomm ferma dik il-parti tas-sentenza fejn iddikjarat li s-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-konfront ta' l-appellat kienet legittima u regolari – bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess appellat.

4. Fir-risposta tieghu ipprezentata fis-7 t' Awwissu 2003 l-appellat, wara li ghamel is-sottomissjonijiet tieghu dwar l-aggravji mressqa mill-appellanti, stqarr li s-sentenza appellata kienet gusta u timmerita konferma u ghalhekk talab li l-appell jigi michud – bl-ispejjez taz-zewgt istanzi kontra l-appellanti.

5. L-appellanti, inoltre, talbu, b' rikors separat ipprezentat kontestwalment mar-rikors ta' l-appell taghhom, li dan l-appell – ghar-ragunijiet esposti fih – jinstema' bl-urgenza – talba li giet milqugha. Infatti, l-appell gie appuntat ghas-smigh ghal Gimgha 8 t' Awwissu 2003, meta gie debitament trattat u mholli ghas-sentenza ghal-lum.

## III <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u> <u>TA'</u> <u>DIN</u> <u>IL-QORTI</u>

6. F' din il-kawza, l-appellat qieghed jikkontendi li d-dritt fundamentali tieghu ghal smigh xieraq fi zmien ragonevoli gie lez bil-proceduri penali li ttiehdu kontrih, billi dawn damu kwazi ghoxrin sena biex gew finalizzati. Qieghed jitlob dikjarazzjoni tal-Qorti f' dan is-sens, kif ukoll it-thassir tas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali moghtija kontrih fit-2 t' Ottubru 2002, billi wara ghoxrin sena, c-cirkostanzi personali tieghu tbiddlu radikalment u l-piena karcerarja titlef kull effikacja, u dan prevja kull dikjarazzjoni ohra opportuna u prevja li jinghataw id-direttivi u rimedji xierqa.

7. L-appellanti ikkontestaw il-kawza billi ikkontendew li t-talbiet kienu infondati fil-fatt u fid-dritt billi l-appellat kien jahti ghad-dewmien lamentat, u li, fi kwalunkwe kaz, l-appellat ma setax jinqeda bi procedura kostituzzjonali biex tithassar sentenza ta' Qorti Kriminali kompetenti meta, *se mai*, seta' jkun hemm rimedji ohra aktar konfacjenti mal-gurisdizzjoni kostituzzjonali. Apparti dawn l-eccezzjonijiet, l-appellanti eccipew li l-appellant Kummissarju tal-Pulizija ma kien legittimu kontradittur:

" …. *stante* li l-lanjanzi tar-rikorrenti jirrigwardaw sentenza pronunzjata mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali fejn

il-prosekuzzjoni ssir mill-intimat Avukat Generali u mhux mill-Pulizija.” (fol. 8)

8. Is-sentenza appellata cahdet l-eccezzjonijiet kollha sollevati mill-appellanti, sabet lezjoni tad-dritt fundamentali invokat mill-appellat u tat ‘il fuq imsemmi rimedju, billi dehrilha li dan kien opportun u gust. Il-Qorti sejra tghaddi biex tinvestiga u tiddeciedi l-aggravji mressqa mill-appellanti fil-konfront tas-sentenza appellata.

- **L-Eccezzjoni Prelimarinari Procedurali.**

9. Bl-ewwel aggravju, l-appellanti, isostnu, *inter alia*, li l-Ewwel Qorti:

“… ma tatx motivazzjoni guridikament sostenibbli ghac-cahda taghha ta’ l-eccezzjoni li l-Kummissarju tal-Pulizija m’ ghandux ikun legittimu kontradittur f’ din il-kawza.”

10. L-appellat, fir-risposta ta’ l-appell tieghu wiegeb li l-Kummissarju tal-Pulizija huwa l-prosekutur fil-Qorti ta’ l-ewwel grad u ghaldaqstant huwa ghandu jkun parti minn dan il-process sabiex iwiegeb ghan-nuqqasijiet tieghu f’ dak il-grad procedurali.

11. Kif jirrizulta minn paragrafu 6 *supra* l-<u>appellanti invokaw raguni specifika</u> fuq liema kienu qieghdin jibbazaw din l-eccezzjoni taghhom. L-Ewwel Onorabbli Qorti qieset din l-eccezzjoni, <u>hekk kif giet formulata</u>, u sabet li ma tistax takkoljiha ghar-raguni li l-kawza kienet tikkoncerna wkoll il-proceduri penali quddiem il-Qorti tal-Magistrati, fejn il-prosekuzjoni titmexxa mill-Pulizija.

12. *Nonostante* li r-razjocinju ta' l-Ewwel Qorti fih certa logicita`, pero` jidher car li f’ dan il-kaz, kellha tigi applikata d-dispozizzjoni kontenuta fis-subartikolu (2) ta’ l-artikolu 181B tal-Kodici t’ Organizzazzjoni u Procedura Civili, li tghid hekk:

“L-Avukat Generali jirrapprezenta lill-Gvern f’ dawk l-atti w azzjonijiet gudizzjarji li minhabba li n-natura tat-talba ma

jkunux jistghu jigu diretti kontra xi wiehed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-ohra tal-Gvern."

13. Din id-dispozizzjoni giet invokata mill-appellanti fir-rikors ta' l-appell taghhom. Din il-Qorti sejra tilqa' l-appell, in kwantu jirrigwarda din l-eccezzjoni preliminari, b' applikazzjoni ta' l-imsemmija dispozizzjoni, u mhux ghall-motivazzjoni li biha l-appellanti originarjament ifformulaw l-istess eccezzjoni taghhom. L-Avukat Generali huwa, <u>wahdu</u>, il-legittmu kontradittur f' din il-kawza, u jsegwi ghalhekk, li l-appellant Kummissarju tal-Pulizija ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

- **Jekk id-dewmien tal-proceduri penali ivvjolawx id-dritt fundamentali ta' l-appellant, protett mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.**

14. Bit-tieni aggravju, l-appellanti qieghdin isostni li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti konnessi mal-proceduri penali. L-appellanti jikkoncedu l-fatt li dawn il-proceduri damu cirka 19-il sena – zmien li *ictu oculi* jista' jidher irragonevoli w eccessiv – pero`, l-Ewwel Qorti injorat ghal kollox certi fatti determinati, migjuba a konjizzjoni taghha, li kellhom iwassluha li tiddeciedi li ma kien hemm l-ebda lezjoni ta' l-artikoli citati mill-appellat. L-appellanti sostnew li d-dewmien fil-proceduri kien, fil-parti l-kbira tieghu, jahti ghalih l-appellat stess. Il-kawza penali kienet tipprezenta certa komplessita` u l-appellat stess baqa' passiv u ma istitwixxa l-ebda att gudizzjarju biex ihaffef l-andament tal-kawza.

15. Inoltre, l-appellanti sostnew li s-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali tat il-konsiderazzjoni mehtiega ghall-fattur tad-dewmien, izda minhabba li l-appellat ma wera ebda impenn li jirriforma ruhu fil-pendenza tal-proceduri, dik il-Qorti iddecidiet li huwa ma kellux igawdi xi agevolazzjoni minhabba d-dewmien billi t-trapass taz-zmien ma jnaqqas xejn mir-responsabilita` kriminali tal-hati.

16. Dwar dana l-aggravju l-appellat irrefera ghaz-zewg noti ta' sottomissjonijiet li kien ipprezenta quddiem l-Ewwel Qorti, u sahaq li l-appellanti qatt ma gabu l-icken prova li d-dewmien lamentat kien ikkagunat mill-appellat.

17. Meta jinstab li kawza damet pendenti ghal zmien twil u damet irragonevolment biex inqaghtet, ikun gudizzju simplicistiku wisq li tintefa' l-htija ghad-dewmien fuq l-imhallef partikolari li jkun sema' l-istess kawza li damet. Ikun gudizzju x' aktarx immensament ingust li takkuza jew li tinsinwa li dak l-imhallef partikolari ikun tghazzen, tnikker jew generalment ma kienx diligenti f' xogholu. Dan ghaliex, fil-verita`, l-abilita` ta' dak l-imhallef li jiddisponi mill-kawzi fi zmien ragonevoli ma tiddependix biss fuq il-kwalitajiet intrinsici u personali tieghu, izda, fil-parti l-kbira tiddependi fuq l-effikacja *o meno* ta' l-ambjent li jahdem fih. Fost il-fatturi li jikkondizzjonaw dan l-ambjent, insibu n-numru kbir ta' kawzi "qodma" (*backlog*) li "jitghabba" bih appena jilhaq imhallef, in-numru sinjifikanti ta' kawzi godda li jigu assenjati lilu regolarment, u dawk li jista' "jiret" meta jirtira xi gudikant, il-kwalita` u l-kumplessita` ta' l-istess kawzi, jekk l-imhallef jinghatax persuni debitament kwalifikati biex jassistuh, jekk jinghatax r-rizorsi necessarji biex jaghmel ir-ricerka tieghu, biex izomm ruhu aggornat fl-istudji tieghu, u biex isib il-hin necessarju ghad-deliberazzjoni u l-kitba tas-sentenzi.

18. Id-dritt fundamentali ta' l-individwu li jkollu l-kawza tieghu mismugha u finalizzata eghluq iz-zmien ragonevoli, jimponi tassattivament fuq l-istat, li jrid josserva s-Saltna tad-Dritt, l-obbligu li jkollu fis-sehh sistema efficjenti t' amministrazzjoni tal-gustizzja. Il-gudikatura tifforma t-tielet kolonna li fuqha hu mibni l-istat. Fis-sistema taghna, huma z-zewg kolonni l-ohra ta' l-istat, cjoe` l-ezekuttiv u l-legislattiv, li ghandhom obbligu li jipprovdu r-rizorsi, l-istrutturi u l-ghodod l-ohra kollha necessarji biex il-Qrati jkunu f' pozizzjoni li jwettqu l-gustizzja fi zmien ragonevoli.

19. Il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem dejjem ghallmet li l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni:

"*…. imposes on the Contracting States the duty to organise their juridical system in such a way that the Courts can meet the requirements of this provision* ***Salesi vs Italy*** *(26/02/1993). It wishes to reaffirm the importance of administerting justice without delays which might prejudice its effectiveness and credibility* ***Katte Klitsche de la Grange vs Italy*** *(27/10/1994)* – (ara A.P. vs Italy 28/07/1999 Application 35265/97 – para. 18)."

20. Biex wiehed jasal ghal decizjoni jekk kawza inqaghtetx fi zmien ragonevoli jew le, wiehed irid iqis il-fattispecji u c-cirkostanzi partikolari tal-kaz, fosthom "*the complexity of the case, and …. the conduct of both the applicant and the competent authorities* (Buchholz vs Germany 06/05/1981 para. 49), kif ukoll "*the importance of what was at stake for the applicant in the litigation*" (Gast & Popp vs Germany 25/02/2000 para. 70).

21. Din il-Qorti sejra tghaddi biex tapplika dawn l-insenjamenti tal-Qorti Ewropeja, applikati wkoll, kemm-il darba, minn din il-Qorti, ghall-kaz odejrn. L-appellanti qeghdin isostnu li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament erroneju tal-fatti relevanti u li injorat certi fatti. Isostnu li kieku l-Ewwel Qorti hadithom in konsiderzzjoni ma kienitx issib lezjoni tad-dritt fundamentali in kwistjoni.

22. Mhemm l-ebda htiega li jigu ripetuti f' din is-sentenza il-fatti li graw matul iz-zmien kollu li l-proceduri kontra l-appellat damu pendenti, bl-iskop li biex jigi determinat jekk dawk il-proceduri kriminali nghalqux fi zmien ragonevoli jew le. Dana ghaliex din il-Qorti ma sabet l-ebda raguni gravi w impellenti li tiggustifika li tiddisturba l-apprezzament tal-fatti li ghamlet l-Ewwel Qorti. Bazikament din il-Qorti taqbel ma' dak li ikkonkludiet fir-rigward l-Ewwel Qorti u dana sostanzjalment ghall-istess motivi espressi fis-sentenza appellata. Certament, perijodu ta' kwazi dsatax-il sena biex kawza kriminali tigi konkluza huwa zmien, *ictu oculi* huwa inordinatament wisq eccessiv, specjalment meta wiehed jikkonsidra c-cirkostanzi kollha tal-kaz odjern. Il-fatt li l-kawza kienet tipprezenta certa kumplessita` minhabba li kien fiha diversi imputati u minhabba li kienet tirrigwarda diversi

reati pjuttost serji, il-fatt li l-appellat seta' ikkontribuwixxa xi ftit ukoll ghad-dewmien, il-fatt li l-istess appellat ma ippruvax jissalvagwardja fi stadju aktar bikri tal-proceduri penali, dawn id-drittijiet kostituzzjonali tieghu - dawn huma kollha cirkostanzi u fatti relevanti ghad-determinazzjoni jekk id-dewmien kienx wiehed irragonevoli jew le, jew jekk l-appellat kienx ukoll, xi ftit jew wisq, repsonsabbli ghalih. Pero`, jidher car, li dawn il-fatturi li ssemmew, ftit li xejn jistghu itaffu r-responsabilita` ta' l-istat fil-kaz odjern billi effettivament irrizulta li l-istat naqas li jipprovdi lill-appellat bi smigh u determinazzjoni tal-kawza kriminali tieghu, eghluq iz-zmien ragonevoli. Konsegwentement, il-konkluzjoni ta' l-Ewwel Qorti li kien hemm vjolazzjoni ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u ta' l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, hija konkluzjoni li qieghda tigi kondiviza minn din il-Qorti u ghaldaqstant it-tieni aggravju ta' l-appellanti mhuwiex fondat u qieghed jigi michud.

- **Rimedju effettiv ghall-vjolazzjoni tad-dritt fondamentali in kwistjoni.**

23. It-tielet aggravju ta' l-appellanti jikkoncerna l-lanjanza dwar ir-rimedju li s-sentenza appellata ipprovdiet lill-appellat biex jaghmel tajjeb ghall-vjolazzjoni tad-dritt protett mill-art. 6 tal-Konvenzjoni u l-art. 39 tal-Kostituzzjoni. L-appellanti irrimarkaw hekk f' dan ir-rigward:

"Huwa kontrosens li l-Qorti taccetta l-eccezzjoni ta' l-esponenti li l-Qorti ta' gurisdizzjoni kostituzzjonali mhix qorti tat-tielet grad u ghalhekk irrifjutat li thassar is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali u mbaghad iddikjarat is-sentenza tal-qorti kriminali bhala legittima u regolari izda fl-istess nifs u b' mod anti-guridiku hassret l-effetti taghha cjoe` il-piena karcerarja li Bugeja kien jonqsu jiskonta.

Kienet proceduralment u sostantivament skorretta, jinghad bir-rispett, l-Ewwel Qorti meta iddecidiet li l-appellat kellu jinheles minnufih meta anki skond il-gurisprudenza Ewropeja, is-sejbien u dikjarazzjoni tali li kien hemm dewmien esagerat fil-maggor parti tal-kazijiet

jikkostitwixxi rimedju adegwat (*Giancarlo Lombardo v Italy* deciza 26 ta' Novembru 1992). Kif ukoll, f' kazijiet eccezzjonali fejn il-Qorti Ewropea tat id-danni dan kien minhabba l-fattur li kien hemm lezjoni ta' drittijiet fundamentali ohra li certament ma ssustistewx f' din il-kawza. Ad ezempju f' *Allenet de Ribemont v France* (deciza fl-10 ta' Frar 1995) il-kumpens moghti kien jirrispekkja l-fatt li l-prezunzjoni ta' l-innocenza kienet giet leza u mhux il-fatt li kien hemm id-dewmien.

F' dan il-kaz il-Prim' Awla kienet doppjament zbaljata li iddikjarat is-sentenza ta' l-Appell Kriminali bhala valida u mbaghad istultifikata billi naqqset il-piena u ikkreat stat ta' incertezza guridika. Dan oltre l-fatt li din id-decizjoni ma tirriflettix il-gurisprudenza Ewropea.

Illi fir-rigward tas-sentenza ta' *John Saliba vs Avukat Generali et* mhemm l-ebda rilevanza ghaliex annullat is-sentenza tal-Qorti Kriminali mhux minhabba dewmien izda ghaliex inghata fuq opinjoni t' esperti li ma setghux jitqiesu indipendenti w imparzjali bi ksur ta' l-Artikoli 6 sa 39 citati.

Illi r-rimedju li tat l-Ewwel Qorti kien ukoll dak zbaljat meta wiehed iqis ir-raguni ghal proceduri kriminali cjoe` li jkun hemm riforma, retribuzzjoni u serhan tal-mohh tas-socjeta` li trid tara li jkun hemm reazzjoni proporzjonata ghal min ikun ta' perikolu ghas-socjeta`.

Dawn l-ghanijiet tal-process kriminali gew kollha stultifikati bir-rimedju moghti mill-Ewwel Qorti. Kien ikun kumpens adegwat li tinghata dikjarazzjoni ta' dewmien, *ossia just satisfaction* jew eccezzjonalment ammont pekunarju jew anki tnaqqis simboliku tal-piena karcerarja izda qatt kancellament totali tar-rimanenza tal-piena minghajr kundizzjoni u minghajr lanqas biss ma gie kalkolat kemm fil-fatt il-qorti qed tnaqqas mis-sentenza ta' l-appellat."

24. L-appellat ta s-segwenti risposta fil-konfront ta' dan it-tielet aggravju ta' l-appellanti:

“Illi t-tielet aggravju ta’ l-appellant huwa nieqes minn kull bazi legali. Ghalkemm l-appellant jaghmel appell mqanqal sabiex iqajjem argumenti skwizitament teniko-legali, li minnhom innfisihom jafu jkunu suggett ta’ studji kumplikati w approfonditi, dan kollu huwa ezercizzju frivolu w inutili.

Fejn *si tratta* ta’ materja tad-drittijiet intrinsici u fundamentali tal-bniedem kemm il-Kostituzzjoni kif ukoll l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja ghad-drittijiet tal-bniedem jitkellmu car. Il-Qorti ghandha taghti **kwalsiasi ordni jew direttiva** sabiex tassigura li l-parti leza tottjeni rimedju verament effikaci, adegwat u effettiv. Dwar dan mhemmx ghalfejn li jsiru la ricerki kbar. Minn semplici qari tal-Kostituzzjoni u ta’ l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja dan jemergi b mod kristallin. *In oltre* anqas qatt ma jidher li tali interpretazzjoni giet b’ xi mod attakata. Ghaldaqstant legalment mhemm xejn x’ wiehed jissindika ghal dak li jikkoncerna l-parametri tar-rimendju li jista’ jinghata mill-Qrati ta’ gurisdizzjoni Kostituzzjonali. Kieku kien mod iehor l-ghola organi gudizzjarji tar-Repubblika ikunu qeghdin hemm biss ghall-isem.

Illi anqas huwa korrett l-appellant meta a fol. 8 tar-rikors t’ appell tieghu huwa jghid li l-Ewwel Qorti ghamlet kontro-sens meta accettat l-eccezzjoni tieghu li l-Qorti ta’ gurisdizzjoni Kostituzzjonali mhijiex qorti tat-tielet grad u mbaghad applikat rimedju ta’ l-iskarcerazzjoni.

Dan ghaliex mhuwa minnu xejn li l-Ewwel Qorti accettat tali eccezzjoni anzi mid-*decide* jiirrizulta car illi l-eccezzjonijiet kollha ta’ l-appellant kienu gew michuda. Madankollu dan ma jfissirx illi l-Ewwel Qorti hadet il-vesti ta’ Qorti ta’ tielet grad. L-Ewwel Onorabbli Qorti tat sentenza fuq indoli ta’ gurisdizzjoni Kostituzjonali u wara li qieset dak kollu li kellu jigi ikkunsidrat, sabet li kien hemm lezjoni tad-dritt ta’ l-appellat u applikat fid-diskrezzjoni assoluta taghha rimedju gust u ekwu tenut kont tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz. Minn imkien ma jirrizulta li hemm xi xkiel ghal tali ezercizzju diskrezzjonali kif qieghed jissuggerixxi l-appellant.”

25. L-ewwel osservazzjoni li ghandha ssir hija li l-Ewwel Qorti naqqset li timmotiva adegwatament ir-raguni ghaliex, f' dan il-kaz, ghazlet ir-rimedju specifiku li tat. L-Ewwel Qorti qalet biss li semplici dikjarazzjoni li gew miksura fil-konfront tar-rikorenti id-drittijiet fundamentali tieghu, mhux bizzejjed, kif lanqas mhu bizzejjed jew effettiv, rimedju li bih ir-rikorrenti jinghata kumpens fi flus. Imbaghad, ghaddiet biex ghazlet ir-rimedju li tat, u cjoe`:

"…. li r-rikorrenti ma ghandux jibqa' jiskonta ulterjorment il-piena inflitta fuqu bhala konsegwenza ta' l-istess proceduri penali u ghandu jigi immedjatament mehlus".

Ghamlet hekk ghaliex dehrilha li dan ir-rimedju kien l-aktar wiehed opportun u gust f' dan il-kaz.

26. Effettivament l-Ewwel Qorti tat spjegazzjoni telegrafika ghaliex ma kellhiex tilqa' t-talba ta' l-appellat li thassar is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali. L-Ewwel Qorti qalet li din it-talba ma kinitx "opportuna", peress li s-sentenza in kwistjoni kienet "legittima u regolari" u ghalhekk ma kellhix tkun annullata. Inoltre, l-Ewwel Qorti osservat li fl-ipotezi li din is-sentenza kellha tithassar "jista' jkun hemm xi diffikulta` dwar x' ser jigri mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati."

27. Din il-Qorti irriflettiet hafna fuq jekk ir-rimedju provdut mill-Ewwel Qorti kienx wiehed verament gust u opportun. Ghandu jinghad mill-ewwel li din il-Qorti, kif ukoll l-Ewwel Qorti, ghandhom ghas-servizz taghhom setghat wiesgha hafna, kemm taht l-art. 46 (2) tal-Konvenzjoni u kemm taht art. 4 (2) ta' l-Att XIV ta' l-1987 (Kap 319).

28. Il-legislatur ikkonferixxa poteri mill-aktar wiesgha fuq dawn il-Qrati ezattament biex huma jkunu jistghu jassiguraw it-twettiq tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u biex ikunu f' pozizzjoni li jilqghu u jaghmlu tajjeb adegwatament ghal kull ksur ta' l-istess Drittijiet u Libertajiet. Poteri dawn, li sahansitra jinkludu s-setgha li l-Qorti tannulla sentenza ta' Qorti ta' Gudikatura Kriminali meta tkun tezisti raguni kostituzzjonali daqstant gravi u impellenti biex dan ikun jista' ragonevolment isir,

proprju kif gara fil-kawza John Saliba vs Avukat Generali, deciza minn din il-Qorti fis-6 ta' Lulju, 1998. Izda, aktar ma tkun wiesa' s-setgha u d-diskrezzjoni konferita, aktar tkun mehtiega prudenza u ghaqal fl-uzu w ezercizzju ta' l-istess setgha u diskrezzjoni. Din il-Qorti hija geluza li tissalgwardja kif imiss dawn is-setghat tant estensivi konferiti fuqha ghaliex huwa biss b' dawn l-ghodod li hija tkun tista' thares kif imiss u tassigura t-twettiq tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem naxxenti mill-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni. Mhemmx ghalfejn jigi ribadit, li hu ghalhekk mehtieg li fl-ezercizzju tad-diskrezzjoni taghha, l-Qorti tara li jinzamm bilanc xieraq u gust bejn, fuq naha 'l wahda d-drittijiet tal-persuna li tfittex il-harsien tal-Qorti u, fuq in-naha l-ohra, d-drittijiet ta' persuni ohra li jistghu jkunu involuti fil-kaz, apparti wkoll id-drittijiet tas-socjeta` in generali, li din il-Qorti ghandha d-dover li tittutela.

29. Meta din il-Qorti applikat dawn il-kriterji ta' *indole* generali ghal kaz odjern, waslet ghall-konkluzjoni li r-rimedju provdut mill-Ewwel Qorti kien wiehed eccessivament liberali fil-konfront tad-drittijiet ta' l-appellat, daqskemm kien xhih mad-drittijiet tal-persuni li sfaw vittma tar-reati konnessi mill-appellat u mad-drittijiet tas-socjeta` in generali.

30. Din il-Qorti jidhrilha li l-inkonvenjent u l-ansejta` li l-appellat kellu jghaddi minnhom minhabba t-tul eccessiv tal-proceduri kriminali ma kienux tali li jistghu qatt jiggustifikaw li huwa jkun ezentat milli jkompli jiskonta l-piena karcerarja legittimament inflitta fuqu mill-Qorti kompetenti bis-sentenza li ghalqet il-process penali kontrih. Dan ghaliex l-ansjeta` li l-appellat sofra minhabba d-dewmien fl-eghluq ta' l-istess proceduri, ma jikkomparawx ma' l-inkonvenjent serjissimu derivanti minn piena karcerarja ghall-numru sinjifikanti ta' snin, inflitta fuq l-appellat bhala retribuzzjoni ghar-reati serji li huwa wettaq b' dannu ghall-persuni partikolari u b' dannu ghas-socjeta` in generali. Naturalment, il-Qorti tapprezza li dawn il-kuncetti ta' tbatija w ansjeta` difficilment jistghu jigu kwantifikati, izda jidher li hu pacifiku, li t-tbatija li titnissel min-nuqqas ta' liberta` personali hija wahda t' indoli u severita` partikolari.

31. Din il-Qorti jidhrilha li l-Ewwel Qorti naqset li taghti l-piz misthoqq lis-sofferenza u t-tbatija li ghaddew minnhom numru konsiderevoli ta' persuni li sfaw vittma ta' reati serji mwettqa mill-appellat. Certament, dawn il-vittmi ma jixirqilhomx li wara tant snin jistennew li ssir gustizzja maghhom, issa jigu metaforikament "misruqa" mis-sens ta' retribuzzjoni moghti gustament lilhom bis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali. Lanqas ma wiehed jista' jinjora l-aspettattivi gusti tas-socejta` in generali, li tigi perturbata meta t-twettiq ta' reati serji, jithallew jghaddu impunement.

32. Fis-sentenza appellata jinstab dan il-kumment maghmul mill-Ewwel Onorabbli Qorti:

"Il-fatt li l-appell instema' minn imhallef partikolari, mentri s-sentenza inghatat minn imhallef iehor ukoll hi cirkostanza li trid tittiehed in konsiderazzjoni, peress li b'dan il-mod tnaqset mhux ftit l-effikacja tad-difiza tar-rikorrenti."

Din il-Qorti ma tarax li kien hemm lok ghal dan il-kumment ghax jirrizulta li qabel ghaddiet ghas-sentenza tat-2 t' Ottubru 2002, l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali, mhux biss tat smigh xieraq lid-difiza, izda wkoll laqghet it-talba taghha li tinnomina espert biex jaghmel "*pre-setencing report*", *in vista* tat-trapass taz-zmien minn meta gew kommessi r-reati. Effettivament, kienet giet nominata ghal dan l-iskop il-*Probation Officer* Mariella Camilleri, li ipprezentat u halfet ir-rapport taghha fl-udjenza mizmuma minn dik il-Qorti fil-30 ta' Mejju 2002, u ghalhekk dan ir-rapport kien quddiem dik il-Qorti meta hija ghaddiet biex tippronunzja s-sentenza tat-2 t' Ottubru 2002.

33. Din il-Qorti tosserva li l-Ewwel Qorti ma tat ebda piz ghall-fattur li d-dewmien tal-proceduri kien gja` attivament invokat mid-difiza bhala attenwanti tal-piena. L-Ewwel Qorti ma qisitx fattur iehor u cjoe` li l-piena karcerarja, apparti l-iskop ta' gustizzja retributtiva, ghandha wkoll l-iskop tar-riforma tal-persuni li jghaddu minnha. L-Ewwel Qorti naqset li taghti piz ghac-cirkostanza importanti, li kienet irrizultat lill-Qorti ta' l-Appell Kriminali, u cjoe`, li l-

appellat ma ta l-ebda prova li matul il-pendenza tal-proceduri huwa kien biddel hajtu ghall-ahjar. Dik il-Qorti infatti, wara li ikkonstatat li l-piena massima applikabbli ghar-reati li taghhom instab hati l-appellat kienet tqarreb perijodu ta’ sittax-il sena prigunerija, ikkonkludiet li d-dewmien tal-proceduri ma kinux jintitolaw lill-akkuzat, f’ dan il-kaz, ghal tnaqqis tal-piena inflitta mill-Qorti ta’ l-ewwel grad, proprju ghaliex fil-frattemp wera li ma kinex irriforma ruhu. Dak il-Qorti qalet hekk:

“ …. Inoltre anki wara li gie akkuzat bir-reati mertu ta’ din il-kawza fis-16 ta’ Novembru 1983, l-appellant Bugeja jidher li baqa’ ghaddej bil-hajja tieghu refrattarja u kiseb diversi kunanni ohra fosthom ta’ habs ghall-serq ta’ u danni f’ diversi vetturi u kundanna ghal serq ta’ lanca u tentattiv ta’ zbarkar ta’ persuni illegalment liema kundanna ggib id-data tas-27 ta’ Mejju 1999 ghal reat kommess fit-28 t’ Ottubru 1998. Dana oltre numru ta’ reati ohra serji kommessi tul dan il-perijodu kollu mill-1983 ‘l hawn.

Ghalhekk anki fil-kaz ta’ dan l-appellant jidher li dawn il-proceduri ma kellhomx l-effett li jrazznu l-kondotta refrattarja ta’ l-appellant, anzi minkejja li oltre s-sentenzi ta’ habs imsemmija hu nghata wkoll il-beneficcju ta’ l-art. 5 l-art. 9 tal-Kap. 152 f’ xi sentenzi ohra, huwa xorta wahda baqa’ jippersisti fil-hajja kriminuza tieghu.

*Omissis*

Illi fil-fehma ta’ din il-Qorti t-trapass taz-zmien jista’ jagevola lill-persuna akkuzata ghall-fini ta’ piena meta huwa juri li tul dak iz-zmien hu jkun zamm lura mill-ksur serju tal-ligijiet u wera certu impenn biex jirriforma.”

34. Ghalhekk ic-cirkostanzi kollha relevanti tal-kaz jinducu lil din il-Qorti li tikkonkludi li r-rimedju ghall-vjolazzjoni tad-dritt fundamentali in kwistjoni li gie maghzul mill-Ewwel Qorti, cjoe` dak tal-helsien ta’ l-appellat mill-piena karcerarja ulterjuri, ma kienx verament indikat bhala wiehed gust u opportun fil-kaz odjern.

35. Konsegwentement, din il-Qorti trid tfittex u ssib rimedju iehor li jkun adegwat biex jaghmel tajjeb ghall-vjolazzjoni tad-dritt fundamentali imsemmi.

36. Din il-Qorti ma jidhrilhiex li ghandha taddotta ir-rimedju suggerit mill-appellat u cjoe` li jitnaqqas sostanzjalment iz-zmien tal-karcerazzjoni jew ahjar li tbiddel il-piena tal-karcerazzjoni inflitta b’ piena aktar idonea bhalma hu ordni ta’ *probation* (ara n-nota t’ osservazzjonijiet ta’ l-appellat a fol. 26).

37. Dan ghaliex il-Qorti ma sabet l-ebda gustifikazzjoni kostituzzjonali gravi w impellenti li tinklinaha li b’ xi mod tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali meta infliggiet il-piena in kwistjoni fis-sentenza taghha tat-2 t’ Ottubru 2002.

38. F’ kawzi dwar dewmien, gieli jinstab li s-semplici dikjarazzjoni tal-Qorti li gie lez dritt fundamentali, tkun rimedju li joffri soddisfazzjon sufficjenti ghall-vittma ta’ l-istess vjolazzjoni. Din il-Qorti jidhrilha li dan ir-rimedju ma jghoddx ghall-kaz odjern billi l-vjolazzjoni ma kinitx wahda ta’ natura marginali, izda id-dewmien ingustifikat kien ikopri perijodu eccessivament twil u irragonevoli. Fil-fehma konsiderata tal-Qorti, is-semplici dikjarazzjoni tal-Qorti li sabet vjolazzjoni ta’ dritt fundamentali sancit fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni ma joffru ebda soddifazzjon gust ghall-incerezza u ghall-ansjeta` li l-appellat kien kostrett li jghaddi minnhom minhabba d-dewmien ta’ l-eghluq ta’ l-imsemmija procedura kriminali.

39. Rimedju effettiv w effikaci kien ikun wiehed li jassigura lill-appellat “*restitutio in integrum*” fid-drittijiet tieghu. Dan ir-rimedju huwa impossibbli li jinghata ghaliex il-Qorti ma tistax tregga’ l-arlogg lura. L-uniku rimedju li hu disponibbli ghall-Qorti li bih tista ttaffi l-ansjeta` li gab mieghu t-tul ingustifikat tal-proceduri kriminali huwa dak tal-kompensazzjoni bi flus.

40. Fid-deliberazzjonijiet taghha biex tasal ghal somma gusta, kemm ghall-appellat kif ukoll ghall-appellant, din il-Qorti, fost cirkostanzi ohra, qieset s-segwenti:

a) Li f’ dan il-kaz id-dewmien ingustifikat ma kienx wiehed marginali izda kien wiehed inordinatament twil u eccessiv;

b) Li l-kawza kienet ta’ natura kriminali u ghalhekk kienet tolqot lill-appellat fil-laham il-haj, ghaliex kienet tinvolvi kwistjoni serjissima dwar l-liberta` personali tieghu, b' piena karcerarja sinjifikanti imdendla fuq rasu;

c) Matul il-pendenza tal-proceduri penali l-appellat kien dejjem marbut li josserva l-kondizzjonijiet kollha imposti fuqu mill-Qorti bid-digriet li bih tinghata l-liberta` provvizorja, u ghalhekk huwa ghex ghal tul ta' zmien b' diversi ristrezzjonijiet;

d) Li d-dewmien fl-ghoti tas-sentenza necessarjament ikkawza stat ta' incertezza, frustrazzjoni, qtigh ta’ qalb, u ansjeta` u tbatija bla bzonn lill-appellat u lill-familja tieghu;

e) Li l-appellat ma ressaq ebda prova li huwa sofra xi tbatija addizzjonali jew aktar gravuza jew oppressiva minn dik li wiehed normalment jassocja mad-dewmien ta’ l-eghluq tal-proceduri gudizzjarji;

f) Li l-appellat ma intraprendiex xi inizzjattiva tempestiva biex verament jissollecita speditezza fl-andament tal-kawza tieghu;

g) Li l-appellat ma weriex li irriforma ruhu matul il-pendenza tal-kawza tieghu, anzi, s-sentenza tat-2 t’ Ottubru 2002, sabet proprju l-kuntrarju.

41. Meqjusa c-cirkostanzi kollha tal-kaz, jidher opportun u gust li l-appellat ikun kompensat ghad-danni morali li sofra minhabba vjolazzjoni imsemmija ta’ l-artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni u l-art. 6 tal-Kovenzjoni, fis-somma fissata “*arbitrio boni viri*” l-ammont ta’ tlett elef Lira Maltin (Lm3,000).

42. Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-odjern appell billi, fis-sens fuq spjegat, in parti tichdu w in parti tilqghu u ghalhekk:

1) Tilqa' l-eccezzjoni preliminari ta' l-appellanti u konsegwentement tillibera lill-appellant Kummissarju tal-Pulizija mill-osservanza tal-gudizzju – spejjez bla taxxa bejn il-kontendenti;

2) Tikkonferma s-sentenza appellata fejn iddikjarat li bil-proceduri penali in kwistjoni gie lez id-dritt tar-rikorrenti appellat ghal smigh xieraq fi zmien ragonevoli, bi ksur ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem u ta' l-artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u dan billi l-istess proceduri istitwiti kontrih ma nqatghux fi zmien ragonevoli, u f' dan is-sens tilqa' l-ewwel talba kontenuta fir-rikors promotorju tar-rikorrenti;

3) Tichad it-tieni talba kontenuta fir-rikors promotorju tar-rikorrenti fejn talab it-thassir tas-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-2 t' Ottubru 2002, fil-kawza fl-isimijiet "Il-Pulizija vs John Bugeja et";

4) Tirrevoka u thassar is-sentenza appellata in kwantu iddikjarat u ordnat li l-appellat ma ghandux jibqa' jiskonta ulterjorment il-piena inflitta fuqu bhala konsegwenza ta' l-istess proceduri penali u li ghandu jigi immedjatament mehlus.

5) Tilqa' t-tielet talba kontenuta fl-imsemmi rikors promotorju ta' l-appellat, fis-sens li tipprovdi rimedju ghall-vjolazzjoni imsemmija tal-Konvenzjoni u tal-Kostituzzjoni billi tillikwida s-somma ta' tlett elef Lira Maltin (Lm3,000) bhala kumpens ghad-danni morali sofferti mill-appellat in konsegwenza ta' l-istess vjolazzjoni u konsegwentement tikkundanna lill-appellant Avukat Generali li jhallas lill-appellat ghal darba wahda biss is-somma ta' tlett elef Lira Maltin (Lm3,000).

L-ispejjez l-ohra kollha tal-prim istanza kif ukoll dawk ta' din l-istanza jkunu a karigu, in kwantu ghal zewg terzi (2/3), ta' l-appellant Avukat Generali u, in kwantu ghar-rimanenti terz (1/3), a karigu ta' l-appellat.

Deputat Registratur

**APPENDICI**

Kopja tas-sentenza appellata moghtija mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Lulju 2003 qed tigi hawn annessa biex tifforma parti integrali mill-odjerna sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------